Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2128

11.10.2023

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2128

## tad-9 ta’ Ottubru 2023

## li taħtar tliet membri u erba’ membri supplenti, proposti mir-Repubblika Slovakka, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta’ Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposti tal-Gvern Slovakk,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta’ awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta’ Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta’ Jannar 2020 sal-25 ta’ Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandati nazzjonali li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra s-Sur Milan BELICA, is-Sur Jaroslav HLINKA u s-Sa Andrea TURČANOVÁ saru vakanti s-siġġijiet ta’ tliet membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għar-riżenji tas-Sur Ján BELJAK, is-Sur Jaroslav BAŠKA, is-Sur Ján BLCHÁČ u s-Sur Daniel LORINC saru vakanti erba’ siġġijiet ta’ membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni..

(5) Il-Gvern Slovakk ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta’ korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta’ awtorità lokali jew reġjonali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta’ Jannar 2025: Is-Sur Branislav BECÍK, *Predseda Nitrianskeho samosprávneho kraja* (President tar-Reġjun Awtonomu ta’ Nitra;), is-Sur Branislav ZACHARIDES, *Primátor mesta Vrútky* (Sindku ta’ Vrútky), u s-Sur František OĽHA, *Primátor mesta Prešov* (Sindku ta’ Prešov).

(6) Il-Gvern Slovakk ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta’ korpi **reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta’ awtorità reġjonali jew lokali** bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta’ Jannar 2025: Is-Sur Ondrej LUNTER, *Predseda Banskobystrického samosprávneho kraja* (President tar-Reġjun Awtonomu ta’ Banská Bystrica), is-Sur Michal BARTEK, *Poslanec Trenčianskeho samosprávneho kraja a Podpredseda Trenčianskeho samosprávneho kraja* (Membru tal-Parlament Reġjonali ta’ Trenčín u Viċi President tar-Reġjun Awtonomu ta’ Trenčín), is-Sur Ladislav SMATANA, *Primátor mesta Bojnice* (Sindku ta’ Bojnice), u s-Sa Vladimíra VYDROVÁ, *Starostka obce Chorvátsky Grob* (Sindku ta’ Chorvátsky Grob),

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta’ Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta’ Jannar 2020 sal-25 ta’ Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi **reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali** huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membri:

— is-Sur Branislav BECÍK, *Predseda Nitrianskeho samosprávneho kraja* (President tar-Reġjun Awtonomu ta' Nitra),

— is-Sur František OĽHA, *Primátor mesta Prešov* (Sindku ta' Prešov),

— is-Sur Branislav ZACHARIDES, *Primátor mesta Vrútky* (Sindku ta' Vrútky),

u

(b) bħala membri supplenti:

— is-Sur Michal BARTEK, *Poslanec Trenčianskeho samosprávneho kraja a Podpredseda Trenčianskeho samosprávneho kraja* (Membru tal-Parlament Reġjonali ta' Trenčín u Viċi President tar-Reġjun Awtonomu ta' Trenčín),

— is-Sur Ondrej LUNTER, *Predseda Banskobystrického samosprávneho kraja* (President tar-Reġjun Awtonomu ta' Banská Bystrica),

— is-Sur Ladislav SMATANA, *Primátor mesta Bojnice* (Sindku ta' Bojnice), u

— is-Sa Vladimíra VYDROVÁ, *Starostka obce Chorvátsky Grob* (Sindku ta' Chorvátsky Grob).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-9 ta' Ottubru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
Y. DÍAZ PÉREZ